MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2008

Talba Numru. 808/2005

**AX Construction Limited (C 17438)**

**vs**

**Castleguard Holdings Limited (C 26842)**

It-Tribunal

Ra l-Avviz li permezz tieghu l-atturi talbu likwidazzjoni ta' tlett elef, erba' mija, wiehed u disghin ewro u tlieta u sebghin centezmi (€3,491.73) gja` Lm1,499 rapprezentanti pumi diffettuzi u ta' kwalita' inferjuri milli dik patwita.

Illi s-socjeta' konvenuta kienet fornit lis-socjeta' attrici kwantita' ta' pumi fl-ammont ta' Lm1,623.50 ta' dak iz-zmien.

Illi s-socjeta'attrici talbet lit-Tribunal jiddikjara u jiddeciedi illi l-pumi forniti mis-socjeta' konvenuta kienu afflitti minn diffett li ma jidhirx u konsegwentement tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallasha parti mill-ammont imhallas mis-socjeta'attrici, liema ammont huwa ta' €3,491.73 ossia Lm1,499 ta' dak iz-zmien.

Bl-ispejjez u mghax kontra s-socjeta' konvenuta li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta ssollevata mis-socjeta' konvenuta fejn eccepiet illi fl-ewwel lok it-talba attrici hija preskritta ai termini ta` l-artiklu 1431 (i) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, stante li l-pumi in kwistjoni gew konsenjati lill-istess socjeta' kwazi sentejn ilu;

Illi fil-mertu it-talbiet tas-socjeta' attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante l-fatt illi l-pumi forniti mis-socjeta' konvenuta m'humiex diffetuzi u ta' kwalita' inferjuri minn dik patwita izda d-danni semmai gew ikkawzati minhabba l-fatt li gew imwahhlin fil-post fejn kien qed isir xi xoghol ta' tibjid f'bini li kien ghadu taht kostruzzjoni u ghalhekk l-istess pumi mhux biss intuzaw mill-haddiema minghajr ebda kura izda gew esposti ghal zmien twil f'ambjent umdu u mimli trabb li rvina l-kisja protettiva tal-pumi in kwistjoni, kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza; illi l-pumi forniti m'humiex ta' kwalita'inferjuri minn dik pattwita izda l-kwalita' skond il-prezz taghhom;

Illi s-socjeta' attrici kienet infurmata mis-socjeta' konvenuta bil-mod kif kellhom jiehdu hsieb il-pumi in kwistjoni, izda l-istess socjeta` naqset li timxi ma` tali twissija;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra d-dokumenti kollha ezebiti fl-atti tal-kawza.

Ra u sema` x-xhieda ta' Angelo Xuereb, Anton Spiteri, Henry Borg Barthet, Ian Tabone u Norman Grima.

IKKUNSIDRA

Illi fil-mertu din il-kawza titratta dwar pumi forniti lis-socjeta' attrici mis-socjeta' konvenuta, liema pumi jirrizultaw diffetuzi u ta' kwalita' inferjuri u ghalhekk intalab jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici parti mill-ammont imhallas mis-socjeta` attrici f'somma li ma teccedix €3,491.73.

Illi s-socjeta' konvenuta eccepiet illi t-talba attrici hija preskritta ai termini ta' l-artiklu 1431 (i) tal-Kap. 16 tal-Ligijjiet ta' Malta stante illi l-istess pumi gew konsenjati lill-istess socjeta' konvenuta kwazi sentejn qabel. Illi l-artiklu 1431(i) jirreferi ghall-preskrizzjoni ta` l-azzjoni redibitorja u l-azzjoni stimatorja b'eghluq sitt xhur minn dak inhar tal-kunsinna tal-haga mibjugha. It-Tribunal jirrilleva illi l-istess artiklu 1431 jkompli billi jghid illi l-preskrizzjoni tibda` tghaddi minn dak inhar illi x-xerrej jikxef id-difett u ghaldaqstant iz-zminijiet tal-preskrizzjoni tintilef fl-eghluq sentejn minn dak inhar tal-kuntratt.

Illi rigward din l-eccezzjoni t-Tribunal jirrilleva illi kien hemm zewg 'invoices' ghal kunsinni ta' pumi wiehed datat 5 ta' Gunju, 2003 fl-ammont ta' Lm1,483.50 ta' dak iz-zmien u iehor datat 17 ta' April, 2003 fl-ammont ta' Lm140 ta' dak iz-zmien. Illi minn dokument datat 9 ta' Novembru, 2004 ezebiet fl-atti, jirrizulta illi d-difett il-gdid kien inkixef dak iz-zmien. Illi mill-istess dokument irrizulta li kienu diga` gew mibdula xi pumi minn konsenja ta' qabel. Illi t-talba giet intavolata fil-11 ta' April, 2005. In konkluzjoni, ma kienux ghaddew is-sentejn ghall-eghluq tal-preskrizjoni u fi kwalunke' kaz it-talba saret f'eghluq is-sitt xhur li inkixef id-difett u ghaldaqstant it-Tribunal ha jkollu jirrespingi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u ha jipprosegwi sabex jiddeciedi fil-mertu.

Illi mix-xhieda tas-socjeta' attrici t-Tribunal jirrilleva illi l-pumi in kwistjoni kienu gew konsenjati f'nofs is-sena 2003 u dawn il-pumi kienu gew ordnati ghal bibien ta' appartamenti fi blokk ta' zvilupp pjuttost imdaqqas. Izda wara l-nbieghu l-appartamenti kellhom ilmenti mix-xerrejja illi l-pumi kellhom tbajja fuqhom. Illi s-socjeta' attrici kienet

daret il-bibien kollha u ndunat illi d-difetti kienu fil-pumi kollha. Illi kif intebhu bid-difett huma lmentaw mas-socjeta' konvenuta izda qalulhom illi l-pumi kienu ssaddu minhabba t-trabijiet li kien hemm fil-blokk bini. Is-socjeta' attrici xehdet illi huma kienu wahhlu l-pumi f-ahhar ta` l-izvilupp. Is-socjeta' attrici sostniet li meta huma daru varji entitajiet ghall-istimi huma taw iktar importanza ghad-data tal-kunsinna u li kienu riedu pumi ta' kwalita' tajba. Irrizulta li s-socjeta' konvenuta kellha parti mill-pumi rikjesti bhala '*stock*' u l-bqija kellhom jigu ordnati minn barra.

Mix-xhieda tas-socjeta' konvenuta jirrizulta illi z-zewg konsenji ta' pumi gew manifatturati minn zewg ditti Taljani differenti. Illi fl-ewwel konsenja kienu nstabu xi grif u l-pumi kienu gew mibdula. Fir-rigward it-tieni konsenja ntqal illi ma` l-kunsinna s-socjeta' attrici kienet sodisfatta bil-pumi izda sussegwentement ircevew l-ittra datata 9 ta' Novembru 2004, bl-ilment tad-difetti fil-pumi. Illi l-ilment kien dwar 'pitting' u r-rapprezentant xehed illi ghalih 'pitting' fisser toqob. Meta mar fuq il-post u kien ra illi l-pumi kellhom tbajja u mhux toqob. Intqal ukoll illi l-fondijiet li kienu zaru kienu umduzi hafna. Fuq dan il-punt it-Tribunal jirrilleva illi xhud prodott mis-socjeta' attrici kien iddeskriva '*viva voce'* qabel ix-xhieda tas-socjeta' konvenuta illi d-difett kien qisu tiekek fil-pumi. Ir-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta kien stqarr illi t-tbajja li rrizultaw fil-pumi kienu rizultat ta' fond umduz u fejn kien ghad hemm hafna trab tal-kostruzzjoni. Fil-fehma tas-socjeta' konvenuta l-umdita' kienet ippenetrat '*il-protective layer'* tal-vernic li kellhom il-pumi b'rizultat ta' tikek suwed. Illi fil-fehma tar-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta, dawn il-pumi ma kellhomx jitwahhlu fejn kien hemm trab tal-kostruzzjoni.

Illi t-Tribunal jirrilleva illi mill-provi migjuba quddiemu jidhirlu illi meta s-socjeta' konvenuta bieghet il-pumi ma kienetx tat *'specifications'* tal-kwalita' tal-pumi li kienet qed tbiegh. Illi jekk kif intqal mis-socjeta' konvenuta, illi l-pumi ma kellhomx jithallew f'ambjent umduz u fejn kien jinsab it-trab, l-istess socjeta' konvenuta kienet fid-dmir illi tinfurma lil min kien qieghed jixtri dawn il-pumi, li l-pumi in kwistjoni ma kienux jifilhu ghal trab qawwi u ghall-umdita'.

Illi huwa car u manifest illi s-socjeta' attrici kienet qieghda tlesti appartamenti li jifformaw parti minn zvilupp mdaqqas u ghaldaqstant, seta' jkun il-kaz illi l-ambjent fejn kienu ha jitwahhlu l-pumi kien ha jkun ambjent vojt u fejn seta' jkun il-kaz illi kellhom jitlestu xi alterazzjoni interni fl-appartamenti. Illi fil-fehma tat-Tribunal meta xerrej imur sabiex jixtri prodott partikolari bhalma huwa pum, il-bejjiegh ghandu jaghti spjegazzjoni dettaljata ta' kif u fejn m'ghandhomx jitwahhlu dawn il-pumi partikolarment jekk kienu jafu illi dawn il-pumi kienu ser jitwahhlu fi blokk ta' appartamenti li kienu wasalu fil-fazi konklussiva ta' kostruzzjoni u li kienu bdew jinbieghu.

Illi t-Tribunal ma jidhirlux illi pum ghandu jittebba' jekk jitwahhal meta jkunu ghaddejjin xi xogholijiet strutturali interni. Illi jirrizulta car illi l-kwalita' tal-pumi imwahhlin ma kienux ta' kwalita' patwita u illi d-difett kien irrizulta mat-twahhil tal-pumi. Illi rrizulta li l-pumi kienu ttebbghu kollha.

Illi s-socjeta' konvenuta eccepiet illi d-danni gew ikkawzati minhabba l-fatt illi gew imwahhlin f'post fejn kien qed isir xi xoghol ta' tibjid u li kien ghadu taht kostruzzjoni u li l-pumi ntuzaw mill-haddiema minghajr ebda kura u gew esposti ghal zmien twil f'post umduz u mimli trab li rrovina l-kisja protettiva. Illi t-Tribunal jidhirlu illi wara li sema' l-provi din l-eccezzjoni kif sollevata mis-socjeta' konvenuta ma gietx ippruvata.

Illi s-socjeta' konvenuta stqarret illi s-socjeta' attrici kienet qed tbati konsegwenza ta' kwalita' skond il-prezz. Illi t-Tribunal jidhirlu li meta ditta bhalma hija s-socjeta' konevnuta tbiegh prodott fi kwantita' kbira lil socjeta' bhalma hija s-socjeta' attrici, hija kellha tassigura li tispjega lix-xerrej dak li kienet qed tixtri s-socjeta' konvenuta. Kellha ukoll taghtiha d-dettalji teknici mehtiega u kellha tispjega illi l-prodott li jkun qed jinbiegh ma jiflahx ghall-ambjent umduz u ghal ambjent fejn ghad hemm ghaddejjin xogholjiet strutturali u ta' tibjid li '*del resto'* lit-Tribunal jidhirlu illi huma xogholijiet ordinarji li jsehhu f'ambjent bhalma huwa blokk ta' appartamenti. Illi t-Tribunal jikkonkludi illi din l-eccezzjoni m'ghandhiex tigu akkolta.

Illi rigward l-ahhar eccezzjoni illi s-socjeta’ attrici kienet giet nfurmata mis-socjeta’ konvenuta bil-mod kif kellhom jiehdu hsieb il-pumi in kwistjoni, izda li l-istess socjeta’ naqset illi timxi ma` tali twissija. Illi mhux biss illi hadd ma xehed b’dan il-mod illi l-anqas ma ngabu ebda dokumenti li jippruvaw il-mod kif kellhom jiehdu hsieb il-pumi in kwisjoni. Illi ghalhekk it-Tribunal ma jhossx illi s-socjeta’ konvenuta ippruvat illi fil-fatt kienet tat dawn it-twissijiet u ghalhekk ha jkollha tirrespingi din l-eccezzjoni.

Illi s-socjeta’ attrici qieghda titlob illi tigi likwidata somma ta’ mhux aktar minn €3,491.73. Illi mill-provi irrizulta illi dawn il-pumi ghadhom fil-post u ma gewx mibdula mis-socjeta’ attrici. Illi ghalhekk fil-fehma tat-Tribunal fil-waqt illi s-socjeta’ attrici ppruvat illi l-pumi forniti mis-socjeta’ konvenuta lis-socjeta’ attrici kienu affliti minn difetti li ma jidhrux, it-Tribunal ma jaqbilx illi s-socjeta’ konvenuta ghandha thallas lura l-ammont kollu kif mitlub mis-socjeta’ attrici partikolarment meta ghadhom qieghdin jintuzaw.

Illi fic-cirkostanzi illi jirrizulta mill-provi l-pumi kienu ghadhom imwahhlin fil-bibien, it-Tribunal ha jirriduci s-somma mitluba *‘arbitrio boni viri’* u jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lura fis-somma ta’ €1,900 ghad-difetti u kwalita’ inferjuri li rrizultaw fil-pumi mibjugha lis-socjeta’ attrici.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici ‘*in parte’* u jikkundanna s-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici fis-somma ta’ elf u disa’ mitt ewro (€1,900) .

Spejjez tal-kawza zewg terzi ghas-socjeta’ konvenuta u terz ghas-socjeta’ attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------